MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**RAYMOND C. PACE**

Seduta tal-25 ta' Gunju, 2003

Citazzjoni Numru. 1266/2000/1

**Caroline Sultana**

**vs**

**Jesmond Micallef**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ic-citazzjoni attrici a fol. 1 fejn gie premess:-

Illi l-attrici zzewget lill-konvenut fit-30 ta' Mejju 1997 kif jirrizulta mic-certifikat taz-zwieg anness u mmarkat bhala Dok. "A";
Illi l-kunsens tal-partijiet ghal dan iz-zwieg kien vizjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali tieghu;

Illi l-kunsesns tal-partijiet ghal dan iz-zwieg kien vizjat peress li nkiseb bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu, jew ta’ xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga;

Illi l-kunsens tal-partijiet ghal dan iz-zwieg kien marbut ma’ kundizzjonijiet li tirreferi ghall-futur, hekk kif ser jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza;

Illi, ghalhekk, l-imsemmi zwieg huwa null u bla effett ghat-termini tal-**artikolu 19 ta’ l-att XXXVII ta’ l-1975 li jirregola z-zwigijiet**;

Illi ghalhekk l-istess attrici talbet lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:-

1. Tiddikjara u tiddeciedi illi z-zwieg ikkuntrattat bejn l-attrici u l-konvenut huwa null u bla effett fil-ligi;

L-ispejjez kontra l-konvenut li huwa ngunt minn issa ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni attrici a fol. 3 tal-process;

Rat il-lista ta’ xhieda u d-dokumenti esebiti a fol. 4 u 5 tal-process;

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut tas-7 ta’ Dicembru a fol. 10 fejn gie eccepit:

1. Illi peress illi l-kagun tal-vizzjament taz-zwieg bejn il-kontendenti hija mputabbli lill-attrici u peress illi huwa ma jopponix it-talba fuq il-meritu, jeccepixxi illi l-ispejjez ghandhom ikunu a karigu ta’ l-istess attrici;

2. Salv eccezzjonijiet ulterjuri skond il-ligi.

Rat id-dikjarazzjoni u l-lista tax-xhieda tal-konvenut a fol. 11 u 12 tal-process;

Rat il-verbali tas-7 ta’ Frar 2001 fejn giet nominata Dr. Sandra Sladden bhala Perit Legali, tad-9 ta’ Mejju 2002;

tal-15 t'Ottubru 2002 fejn il-Perit Legali halfet ir-rapport; u tas-7 ta' Jannar 2003 fejn il-kawza giet differita ghas-sentenza ghall-25 ta' Gunju 2003.

Rat l-avviz tat-13 ta' Frar 2002 fejn il-kawza giet differita quddiem din il-Qorti kif diversament presjeduta mill-Onor. Imhallef Raymond C. Pace;

Rat ir-rapport tal-Perit Legali, is-seduti mizmuma u x-xhieda moghtija;

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET.

### A) PROVI PRODOTTI.

Illi **l-attrici** xehdet permezz tas-segwenti:
(i) tad-dikjarazzjoni taghha guramentat fl-20 ta' Gunju 2002 (ii) fis-seduta tal-24 ta' April 2001 fejn xehdet l-attrici; (iii) fis-seduta tat-13 ta' Gunju 2001 fejn xehed il-konvenut in subizzjoni; (iv) fis-seduta tal-21 ta' Jannar 2002 fejn kompliet tixhed l-attrici; (v) fis-seduta tal-4 ta' Frar 2002 fejn kompliet tixhed l-attrici; (vi) permezz ta' tlett affidavits u cjoe` taghha stess, ta' ommha Virginia Sultana u ta' missierha Carmelo Sultana.

Illi l-**konvenut** xehed permezz tas-segwenti:

(i) tad-dikjarazzjoni tieghu guramentata fis-7 ta' Dicembru 2002 (ii) tax-xhieda tieghu tat-13 ta' Gunju 2001 fejn xehed in subizzjoni; (iii) tax-xhieda l-konvenut fis-seduta tat-18 ta' Settembru 2002.

### B) KONSIDERAZZJONIJIET TA' DRITT.

Illi fit-tieni premessa tac-citazzjoni l-attrici ippremettiet illi l-kunsens tal-konvenut kien vizjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewwga, jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghha u konsegwentement z-zwieg huwa null liema premessa qeghda tirreferi ghall-**artikolu 19 (1d) tal-Kap 255 tal-Ligijiet ta' Malta.**

Illi fit-tielet premessa tac-citazzjoni, l-attrici ippremettiet illi l-kunsens tal-konvenut inkiseb bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu u tal-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga liema premessa qeghda tirreferi ghall-**artikolu 19 (1f) tal-Kap. 255 tal-Ligijiet ta' Malta.**

Illi fir-raba` premessa tac-citazzjoni l-attrici ippremettieti illi l-konvenut rabat il-kunsens tieghu ma' kundizzjoni li tirreferi ghall-futur, liema premessa qeghda tirreferi ghall-**artikolu 19(1)(g) tal-Kap 255 tal-Ligijiet ta' Malta**.

Illi **l-artikolu 19 (1)(d), (f) u (g) tal-Kap 255 tal-Ligijiet ta' Malta** jinqraw hekk kif gej:-

*" 19(1) B'zieda mal-kazijiet fejn zwieg ikun null skond xi dispozizzzjoni ohra ta' dan l-Att, iz-zwieg ikun null –*

*(d) jekk il-kunsens ta' xi wahda mill-partijiet ikun vizjat b'diffett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga, jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghha, jew b'anolomija psikologika serja li taghmilha mpossibbli ghal dik il-parti li taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg.*

*(f) jekk il-kunsens ta' xi wahda mill-partijiet ikun inkiseb bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu, jew ta' xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewwga, jew tad-dritt ghall-att taz-zwieg."*

*(g) jekk xi wahda mill-partijiet torbot il-kunsens taghha ma' kundizzjoni li tirreferi ghall-futur."*

Il-Qorti ser tghaddi sabiex tezamina n-nullita taz-zwieg o meno taht dawn it-tlett artikoli separatament, u fl-ewwel

lok, taht **l-artikolu 19(1d) tal-Kap 255 tal-Ligijiet ta' Malta** li jghid illi iz-zwieg ikun null jekk il-kunsens ta' xi wahda mill-partijiet ikun vizjat b'diffett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga, jew fuq id-drittijiet u id-dmirijiet essenzjali taghha, jew b'anolomija psikologika serja li taghmilha mpossibbli ghal dik il-parti li taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg.

Illi l-kunsens ta' zewg persuni fir-rabta taz-zwieg jehtieg att volontarju li wiehed konxjament jinghaqad ma' persuna ohra bl-intenzjoni li jghix hajtu kollha ma' dik il-persuna u bejniethom jikkrejaw shubija fejn jaghtu lilhom infushom lil xulxin. Dan l-att jehtieg maturita` ta' hsieb u karattru tali li l-persuna li tidhol ghaz-zwieg taghraf il-*commitment* li jikkomporta z-zwieg, u cjoe` *commitment* li tinvolvi partecipazzjoni attiva fil-hajja ta' familja.

Illi mill-gurisprudenza kostanti tal-Qrati taghna jidher car illi l-kunsens moghti fil-kuntratt matrimonjali mhuwiex dak il-kunsens semplici rikjest fil-kuntratt in generali ghaliex il-kuntratt ta' zwieg huwa wiehed *sui generis* u ta' ordni pubbliku, Illi ghalhekk il-partijiet f'kuntratt ta' zwieg mhux biss irid ikollhom il-kapacita li jaghtu l-kunsens, izda li l-istess irrid jigi moghti bl-iktar mod liberu u xjenti ghal dak kollu li tirrikjedi r-rabta taz-zwieg. Il-kuntratt taz-zwieg ghandu jigi apprezzat mhux biss bl-ghajnejn oggettivi tal-ligi, izda jrid isib s-sinifikat tieghu fir-relazzjonijiet ta' koppja u l-iskop ahhari taz-zwieg, cjoe` li tnejn min-nies jaghtu lilhom nfushom lil xulxin ad eskluzjoni ta' kollox u kulhadd. Meta ghalhekk ghal xi raguni jew ohra dak il-kunsens ma jkunx gie moghti bil-konoxxenza shiha ta' dak li jgib mieghu z-zwieg, allura jinholoq dubju kemm dak il-kuntratt matrimonjali huwa wiehed validu.

*"Il-matrimonio, in quanto patto ossia foedus….richiede una capacita' intelletuale e volitiva al di sopra di ogni altro contratto che e per lo meno rescindibile, in casi determinati dalla legge, richiede quindi una integrita' di mente e di liberta' dato che si tratta di assumersi una servitus per tutta la vita." (Forum 1990. Vol 1, part 1, pg.72).*

Il-kuncett ta' *discretio judicii* ma jirrikjedix maturita` shiha u perfetta fuq dak kollu li jirrikjedi z-zwieg, izda konoxxenza shiha ta' dak kollu li jkunu dehlin ghalih il-partijiet u cjoe` ghall-obbligi u drittijiet konjugali kemm fil-prezent kif ukoll fil-futur. *Inoltre*, l-partijiet irid ikollhom dik il-maturita` affettiva u cjoe` dak kollu li ghandu x'jaqsam ma' l-emozzjonijiet u s-sentimenti taghhom fil-konfront ta' xulxin. Jekk xi wahda minn dawn l-elementi hija b'xi mod nieqsa, allura hemm difett ta' diskrezzjoni tal-gudizzju kif rikjesta mill-ligi.

Ghar-rigward tal-**artikolu 19 subinciz (1) paragrafu (d), Dr. Abigail Attard**, fit-tezi taghha **"Grounds of Annulment of Marriage with special reference to Defects of a psychological nature in the light of the 1981 Amendments to the Marriage Act 1975"** tghid illi d-diskrezzjoni ta' gudizzju *"suppose not only maturity of intellect but also a maturity of the will, that is an ability to take decisions responsibly. A person must possess a critical faculty and internal freedom of choice in order to contract validly" (pg 42).*

Il-kliem fil-ligi *"difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewwga, jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghha"* jirreferu ghall-uzu sufficjenti tal-kapacitajiet intelletwali u volatili, li wiehed ghandu jkollu biex jidhol ghaz-zwieg. Il-persuna trid tkun taf xi trid u trid tkun kapaci taghmel decizjoni hielsa u volontarja. Il-persuna trid tifhem u tixtieq l-implikazzjoni tal-kunsens taz-zwieg, trid tkun taf x'inhuma d-drittijiet, dmirijiet u obligazzjonijiet essenzjali tal-hajja mizzewwga.

Il-kuncett ta' diskrezzjoni tal-gudizzju fil-ligi civili ivarja xi ftit mill-kuncett kif espost fid-dritt kanoniku ghaliex mentri l-ligi civili tirrikjedi xi forma ta' difett psikologiku serju, fid-dritt kanoniku m'huwiex il-kaz.

Fis-sentenza moghtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fl-ismijiet "**Angela Spiteri Selvaggi vs Joseph Spiteri"**, deciza fl-4 ta' Novembru 1994, il-Qorti studjat fil-fond il-kuncett tad-diskrezzjoni tal-gudizzju. F'din is-sentenza l-Qorti dahlet fil-fond f'dak li jghid **Bersini** fuq il-livell tad-

diskrezzjoni tal-gudizzju rikjest biex jinghata kunsens matrimonjali validu:-

*“La discrezione di giudizio comprende la maturita` di giudizio e la maturita` affettiva…..La maturita` di giudizio comporta una conoscenza critica proporzionata all’atto da compiere, agli obblighi essenzjali da assumersi e ai diveri coniugali che ne derivano proiettati nel futuro. La maturita` affettiva comporta generalmente quella adeguata evoluzione degli istinti, degli affetti, dei sentimenti, della emotivita’ che se sono turbati o inadeguati intaccano direttamente la volonta’ e possono privare della libera scelta interiore….Per dare un valido consenso, non e’ sufficiente il grado di ragione col quale speculativamente una sappia che cosa e’ il matrimonio, e’ necessaria la maturita` di giudizio capace di ponderare in concreto i doveri e i diritti che uno deve assumersi per tutta la vita. In altri termini, e’ necessaria la discrezione non tanto per l’atto in se, al momento di emettere il consenso, quanto per gli impegni che da quell’atto derivano. Una discrezione che impegni per il futuro: (Il-Diritto Canonico Matrimoniale – Bersini – Torino 1994)*

Illi dan l-impenn ghall-futur jittraduci ruhu fl-obbligazzjonijiet essenzjali ghal hajja taz-zwieg, fosthom il-fedelta’ u fiducja, l-permanenza taz-zwieg, u fuq kollox il-benessere reciproku bejn il-mizzewgin, u cjoe`, dawk l-obbligazzjonijiet li minghajrhom unjoni intima bejn il-konjugi fl-aspetti kollha taghha ma tistax issehh.

Illi dan ifisser illi l-partijiet irid ikollhom dik il-maturita` li taghmilhom kapaci jirriflettu fuq l-obbligi, d-dmirijiet u r-responsabbilitajiet li ggib maghha l-hajja mizzewwga u jkunu ghalhekk kapaci jerfghu u jwettqu l-istess matul il-hajja matrimonjali taghhom.

Illi ghalkemm il-**Kapitolu 255 tal-Ligijiet ta’ Malta** ma taghtix definizzjoni ta’ x’inhuma l-obbligazzjonijiet essenzali, kif stqarret il-Qorti fis-sentenza fuq imsemmija, dawn huma dawk l-elementi li dejjem gew ritenuti bhala l-obbligazzjonijiet tal-hajja mizzewga u cjoe` dik l-unjoni

permanenti, esklussiva w irrevokabbli, diretta ghal komunjoni ta’ hajja u prokrejazzjoni u t-trobbija ta’ l-ulied.

Illi dwar l-artikoli tal-ligi citati mill-attrci u apparti dak premess mill-Perit Legali fir-relazzjoni taghha u hawn fuq espost, il-Qorti tirrileva li kif inghad, l-attrici qed titlob li z-zwieg taghha mal-konvenut jigi ddikjarat null u bla effett *stante* li qed issostni li l-istess zwieg kien vizjat peress li l-partijiet kellhom difett serju ta’ diskrezzjoni ta’ gudizzju fuq il-hajja mizzewga u/jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghha; il-kunsens tal-partijiet ghal dan iz-zwieg kien vizjat peress li kien inkiseb bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu, jew ta’ xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga u fl-ahharnett ghaliex l-attrici sostniet li l-kunsens taghha kien marbut ma’ kondizzjoni li tirreferi ghall-futur u dan kollox *ai termini* tal-**artikolu 19 (1) (d)  (f) u (g) tal-Att XXXVII tal-1975 li Jirregola z-Zwigijiet.**

Illi l-**artikolu 19 (1) (d) u (f) tal-Kap 255 tal-Ligijiet ta’ Malta** jinqraw hekk kif gej:

**“Artikolu 19 (1**) *B’zieda mal-kazijiet fejn zwieg ikun null skond xi dispozizzjoni ohra ta’ dan l-Att, iz-zwieg ikun null:-*

***(d)*** *jekk il-kunsens ta’ xi wahda mill-partijiet ikun vizzjat b’diffett serju ta’ diskrezzjoni ta’ gudizzju fuq il-hajja mizzewga, jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghha, jew b’anomalija psikologika serja li taghmilha mpossibbli ghal dik il-parti li taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg.*

***(f)*** *jekk il-kunsens ta’ xi wahda mill-partijiet ikun inkiseb bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu, jew ta’ xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga, jew tad-dritt ghall-att taz-zwieg.”*

Illi l-ahhar stipulazzjoni li fuqha hija bbazata l-azzjoni attrici hija dik *ai termini* ta’ l-**artikolu 19 (1) (g)** li tipprovdi li z-zwieg huwa null:-

***(g)*** *jekk xi wahda mill-partijiet torbot il-kunsens taghha ma' kundizzjoni li tirreferi ghall-futur".*

Illi artikolu **19 (1) (d) tal-Kap 255** jghid iIli z-zwieg ikun null jekk il-kunsens ta' xi wahda mill-partijiet ikun vizzjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga, jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghha, jew b'anomalija psikologika serja li taghmilha mpossibbli ghal dik il-parti li taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg.

Illi fil-fatt inghad li l-kuncett ta' d-diskrezzjoni ta' gudizzju *"supposes not only maturity of intellect but also a maturity of the will, that is an ability to take decisions responsibly. A person must possess a critical faculty and internal freedom of choice in order to contract validly* .

*Psychic disorders which give rise to a defect of due discretion include immature personality, which may be characterised by affective infantilism immature character, affective immaturity and an emotionally unstable personality. Serious immaturity could very easily constitute a ground of nullity for a marriage. In a Rotal decision of 1961 Sabattani held that a person either has or has not sufficient discretion of judgement to marry. If he has not, then he suffers from 'amentia', not in the sense of insanity, but in the sense that he lacks the sufficient maturity of judgement to understand and choose marriage…….. Therefore, the weakness which affects the mind can merely result from the lack of maturity……"*

Illi ***G. Veness,*** kif ikkwotat minn ***N. Picard in*** **'L'immaturite' et le consentement matrimonial"** (pg. 54-55***)*** jghid is-segwenti:-

*"The judge must consider the overall behaviour of the spouse, taking into account the gravity of the conduct, its continuity throughout the conjugal life, its influence on the couple's equilibrium, the relation of behavioural disorders to the 'ius in corpus and also to the right to the community of life and to consider also all the other factors which are*

*relevant to the determination of the gravity of this immaturity with reference to married life."*

Illi dwar dan is-sub-artikolu din il-Qorti kif presjeduta diga' kellha okkazjoni tezaminah, u ghalhekk taghmel referenza ghas-sentenzi **"Joseph Borg vs Maria Nicolina Cutajar gia` Borg"** (Cit. Nru. 1564/97/RCP deciza fil-21 ta' Ottubru 1999) u **"Kevin Spiteri vs Av. Dr. Renzo Porsella Flores et noe"** (Cit. Nru. 2443/97/RCP deciza fit-18 ta' Jannar, 2000); **"Anthony Gallo vs Dr. Anthony Cutajar et nomine"** (P.A. (RCP) 28 ta' Mejju 2002); **"Ali Chahid vs Mary Spiteri"** (P.A. (RCP) 5 ta' Gunju 2002; **"Giulio Farrugia vs Raquel Anne Farrugia"** (P.A. (RCP) 29 ta' Mejju 2002; **"Romina Zammit vs Paul Zammit"** (P.A. (RCP) 30 ta' Mejju 2002) u ghall-principji hemm enuncjati.

Illi f'dawn is-sentenzi, u fid-decizjoni **"Josette Lungaro vs Jesmond Lauro"** (P.A. (RCP) l-1 ta' Frar 2001) il-Qorti ghamlet referenza ghas-segwenti espozizzjoni ta' ***Viladrich*** li jghid :-

*"Thus, there is grave lack [of discretion of judgment] when it is proven that a contracting party lacks intellectual and volitional maturity necessary to discern, in view of binding oneself in an irrevocable manner, the essential rights and duties of marriage, which are the object of mutual surrender and acceptance. The discretion of judgment refers to that degree of maturity of comprehension and of will of the contracting parties which enables them to give and receive each other, through a juridical bond, in a unique community of life and love. This community is indissolubly faithful, ordered to the good of the spouses as well as to the procreation and education of the offspring.* ***(Viladrich, P.J.*** **"Matrimonial Consent in Code of Canon Law Annotated"** *(Montreal, 1993) p. 686).*

Illi fis-sentenza **"Kevin Spiteri vs Av. Dr. Renzo Porsella Flores et noe"** (Cit. Nru. 2443/97/RCP deciza fit-18 ta' Jannar 2000) il-Qorti spjegat:-

*“Kwantu għall-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg, din il-Qorti tifhem li, fin-nuqqas ta’ definizzjoni jew indikazzjoni fil-**Kap 255**, dawn l-obligazzjonijiet essenzjali huma dawk li fis-socjeta` Maltija dejjem u nvarjabbilment gew ritenuti bhala l-obligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg. Dawn huma “the obligation concerning the conjugal act or carnal union, as bodily union and basis of procreation; the obligation of the community of life and love as an expression of the union between man and woman, mutual well-being, which is inseparable from the provision of an environment conducive to the reception and education of children; and the obligation to receive and bring up children within the context of a conjugal community. It is important to remember that these essential obligations must be mutual, permanent, continuous, exclusive and irrevocable so that there would be incapacity if one of the contracting parties should be, due to a psychological cause, incapable of assuming these obligations with these essential characteristics”.* (***Vidadrich, P.J***. *op. cit*., p. 687).

Illi skond il-gurisprudenza nostrali d-drittijiet u dmirijiet u l-elementi essenjzali taz-zwieg gew indirizzati b’dan il-mod fis-sentenza **“Mary Mustefa Al Muhamed vs Mustefa Mustefa Al Muhammed”** (P.A. (NA) 27 ta’ Lulju 1999) inghad li:-

*“Fil-kawza **“Haidin vs Haidin”** (PA. (Q.K) 7 ta’ Lulju 1994), il-qorti qalet illi m’ghandu jkun hemm ebda motivazzjoni li ggieghel persuna tersaq ghaz-zwieg ghajr l-imhabba lejn persuna ohra w ix-xewqa li tqatta’ l-kumplament ta’ hajjitha fil-kumpanija taghha. Fiz-zwieg wiehed irid ikun lest li jaghtiha t-totalita’ tieghu nnifsu esklussivament lill-persuna l-ohra, u din l-ghotja trid tkun mhux biss reciproka izda motivata bi hsieb genwin li vermament ikun irid johloq ‘a partnership for life’.*

*Mill-gurisprudenza nostrana, jista’ jinghad illi d-dmirijiet u drittijiet tal-mizzewgin fiz-zwieg huma dawk li komunament wiehed jistenna fi zwieg normali fis-socjeta’ taghna. Fost dawn, wiehed isemmi l-fedelta’ u l-assistenza, l-unita’ u l-indossubilta’ taz-zwieg, l-hajja*

*komuni flimkien, id-dritt u d-dmir illi jittiehdu decizjonijiet flimkien intizi fl-ahjar interess tal-familja w il-prokreazzjoni ta' l-ulied. Il-hajja mizzewga timporta li l-mizzewgin jaqsmu kollox flimkien u li jkunu ta' ghajnuna u ta' assistenza lil xulxin, b'impenn biss a favur ta' xulxin u taz-zwieg taghhom l-element tal-'communio vitae'. Fil-kawza* ***"Micallef vs Micallef'*** *deciza fl-4 ta' Mejju 1993, il-Prim'Awla tal-Qorti Civili enuncjat illi 'element essenzjali tal-hajja mizzewga skond il-ligi taghna huwa d-dritt tal-mizzewgin ghall-komunjoni tal-hajja ('communio vitae') bejniethom".*

Illi rigward l-**artikolu 19 (1) (f) tal-Kap 255 tal-Ligijiet ta' Malta,** dan l-artikolu jikkonsidra kemm is-simulazzjoni totali *("colorem habens, substantiam vero nullam")* kif ukoll dak parzjali *(colorem habens, substantiam vero alteram)* tal-kunsens.

Illi rigward it-tifsira tal-frasi *"eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu"*, jew kif maghruf ukoll bhala simulazzjoni totali, il-Qorti fil-kawza **"Bonnici vs Bonnici"** (P.A. 30 ta' Lulju 1982) qalet illi biex ikun hemm simulazzjoni totali jrid jigi ppruvat il-*finis operis* taz-zwieg gie effettivament eskluz mill-vera rieda ta' parti jew ohra, ghalkemm formalment tkun sehhet ic-celebrazzjoni taz-zwieg.

Illi fis-sentenza **"Cali vs Dr. Albert S. Grech *nomine".*** (P.A. 22 ta' Gunju 1988) il-Qorti qalet illi jekk tmur ghac-cerimonja tat-tieg u nternament tissostitwixxi l-ideat tieghek fuq x'inhu zwieg jew inkella xort'ohra teskludi l-veru kuncett taz-zwieg, hi forma ta' simulazzjoni totali. Fid-decizjoni **"Galea vs Walshi** (P.A. 30 ta' Marzu 1995) il-Qorti spjegat simulazzjoni bhala *"meta l-atti, gesti jew kliem esterni ma jikkorrispondux ghall-kunsens intern li jkun inghata".* Illi fis-sentenza **"Muscat vs Borg Grech"** (P.A. 14 ta' Awissu1995) il-Qorti spjegat il-kuncett ta' simulazzjoni b'dawn il-kliem:-

*"Ghalhekk min esternament ikun wera li qed jaghti l-kunsens matrimonjali izda jkun internament u b'att pozittiv tal-volonta' tieghu qed jichad il-kunsens ghal dak iz-zwieg ikun qed jissimula l-kunsens tieghu".*

Illi kif gie nsenjat fid-decizjoni fi-ismijiet **“Francesco Theuma vs Liugi Camilleri et”,** (K. 1 ta’ Ottubru 1884 - Vol. X p.912) :-

*“a poter dedursi la invalidita dell’atto e’ necessario che risulti chiaro, che cio’ che si contrattava non era la yenta, ma una simulazione, cjoe`’ ‘fictio seu ostensio falsi pro vero’.*

Illi fil-kawza **“Anthony Gallo vs Dr. Anthony Cutajar *et nomine*”** (P.A. (RCP) 28 ta’ Mejju 2002) inghad li *“meta wiehed jitkellem dwar l-eskluzjoni taz-zwieg jew wiehed mill-elementi essenzjali tieghu, wiehed irid jifli jekk il-kontendenti jew wiehed minnhom, allavolja hu kapaci jaghti l-kunsens validu taz-zwieg, pero’ bl-att tieghu qabel u fil-hajja mizzewga, jew bl-ommissjoni tieghu, eskluda a priori certu obbligi essenzjali tal-hajja mizzewga, cjoe’, issimula l-kunsens tieghu totalment fejn eskluda a priori z-zwieg, jew inkella fejn filwaqt il-kunsens hu jew hi eskludew xi wahda jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga, u cjoe’ saret simulazzjoni parzjali”.*

Illi fil-fatt din il-Qorti taqbel ma’ l-istess definizzjoni u fil-fatt fis-sentenza **“Al Chahid vs Mary Spiteri”** (P.A. (RCP) 5 ta’ Gunju 2002 inghad li *“wiehed jinnota li taht l-**artikolu 19 (1) (f)** trid issir distinzjoni cara bejn zwieg li jfalli minhabba cirkostanzi li jirrizultaw waqt iz-zwieg, u zwieg li jfalli ghax wiehed mill-partijiet minn qabel ma ta l-kunsens tieghu kien gja’ mentalment dispost li ma jottemprax ruhu ma’ xi wahda jew aktar mill-obbligi matrimonjali. Fl-ewwel ipotesi hemm ir-ragunijiet li jaghtu lok ghas-separazzjoni u fit-tieni ipotesi hemm l-estremi tal-annullament taz-zwieg”.*

Illi fil-fatt ghal dak li jolqot il-kuncett ta’ *“l-eskluzjoni pozittiva ta’ xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga”*, u cjoe’ simulazzjoni parzjali, il--Prim’Awla tal-Qorti Civili fil-kawza **“Abdel Wahed vs Dr. Yana Micallef Stafrace et”** (P.A. (NA) 14 ta’ Lulju 1994) elenkat l-element essenzjali taz-zwieg bhala li jikkonsistu fil-*“kommunjoni tal-hajja konjugali, l-indissolubilta’ tar-rabta taz-zwieg, id-dritt ghall-fedelta’ u d-dritt ghall-*

*prokreazzjoni ta' l-ulied"*. L-istess elementi gew ikkonfermati wkoll fil-kawza **"Aquilina vs Aquilina"** (P.A. (NA) 30 ta' Jannar 1991) u fis-sentenza **"Grech vs Grech"** (P.A. (NA) 9 ta' Ottubru 1990). Dawn huma wkoll l-elementi fil-ligi kanonika.

Illi l-komunjoni tal-hajja konjugali u l-*"consortium vitae"* tikkomprendi zewg elementi u cjoe' l-imhabba konjugali u r-responsabilta` tal-familja. Kif qalet il-Prim' Awla tal-Qorti Civili fid-decizjoni **"Magri vs Magri"** (14 ta' Lulju 1994):-

*"Jekk din il-"consortium vitae" hija nieqsa, l-oggett innifsu tal-kunsens taz-zwieg huwa wkoll nieqes. Din il-"Consortium Vitae" tikkomprendi zewg elementi li huma l-imhabba konjugali u r-responsabilta' tal-familja."*

Illi fil-fatt l-element ta' l-indissolubilta` taz-zwieg jehtieg li l-kunsens ikun ibbazat fuq rabta dejjiema bejn ragel u mara wahda, mibnija fuq il-fedelta' u formazzjoni tal-familja. Il-ligi Maltija tippresupponi *'iuris tantum'* dan l-element ta' indissolubilta' fiz-zwieg.

Illi fil-fatt, ***J. Edwards Hudson*** (pg. 164-165), jispjega car li *"indissolubility can be excluded from consent in two different ways: either because the spouse, knowing the true nature of marriage, nevertheless contract with the understanding that he will have the option of dissolving the bond and recovering his former free status, or because the spouse formulates his own doctrine on marriage, from which the idea of indissolubility is absent and to which he adheres totally with both intelligence and will power".*

Illi wkoll, ***D.J. Burns*****,** fil-kummentarju tieghu (***D.J. Burns***, "**Matrimonial Indissolubility: Contrary Conditions**. **A Historical Synopsis and Commentary".** pg.151) jghid li *"it is not necessary that this intention* (i.e. li teskludi l-indissolubilta') *was formulated as an express agreement, it can be inferred either from an explicit declaration of one or both parties, or consequent on certain words or actions implying that effect, or as a result of the narration of the circumstances of the contract."*

Illi hawn ukoll il-Qorti tirreferi ghal dak li nghad fis-sentenza **“Sharon Lanzon mart Francis Attard vs Francis Attard”** (P.A. (RCP) 15 ta’ Marzu 2000) u cjoe’:-

*“Meta wiehed jitkellem dwar l-eskluzjoni taz-zwieg jew wiehed mill-elementi essenzjali tieghu, wiehed irid jifli jekk il-kontendenti jew wiehed minnhom, allavolja huwa kapaci li jaghti kunsens validu taz-zwieg, pero’ fl-atti tieghu qabel u fil-hajja mizzewga, jew bl-ommissjoni tieghu eskluda a priori certu obbligi essenzjali tal-hajja mizzewga, cjoe’ ssimula l-kunsens tieghu totalment fejn eskluda a priori iz-zwieg, jew inkella fejn waqt li l-kunsens hu jew hi eskludew xi wahda jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga, u cjoe’ saret simulazzjoni parzjali”.*

*“Fil-kawza **“Haidin vs Haidin”** (PA. (Q.K) 7 ta’ Lulju 1994), il-Qorti qalet illi m’ghandu jkun hemm ebda motivazzjoni li ggieghel persuna tersaq ghaz-zwieg ghajr l-imhabba lejn persuna ohra w ix-xewqa li tqatta’ l-kumplament ta’ hajjitha fil-kumpanija taghha. Fiz-zwieg wiehed irid ikun lest li jaghtiha t-totalita’ tieghu nnifsu esklussivament lill-persuna l-ohra, u din l-ghotja trid tkun mhux biss reciproka izda motivata bi hsieb genwin li vermament ikun irid johloq ‘a partnership for life’.*

*Mill-gurisprudenza nostrana, jista’ jinghad illi d-dmirijiet u drittijiet tal-mizzewgin fiz-zwieg huma dawk li komunament wiehed jistenna fi zwieg normali fis-socjeta’ taghna. Fost dawn, wiehed isemmi l-fedelta’ u l-assistenza, l-unita’ u l-indossolubilta’ taz-zwieg, il-hajja komuni flimkien, id-dritt u d-dmir illi jittiehdu decizjonijiet flimkien intizi fl-ahjar interess tal-familja w il-prokreazzjoni ta’ l-ulied. Il-hajja mizzewwga timporta li l-mizzewgin jaqsmu kollox flimkien u li jkunu ta’ ghajnuna u ta’ assistenza lil xulxin, b’impenn biss a favur ta’ xulxin u taz-zwieg taghhom l-element tal-‘communio vitae’. Fil-kawza **“Micallef vs Micallef’** deciza fl-4 ta’ Mejju 1993, il-Prim’ Awla tal-Qorti Civili enuncjat illi element essenzjali tal-hajja mizzewga skond il-ligi taghna huwa d-dritt tal-mizzewgin ghall-komunjoni tal-hajja (‘communio vitae’) bejniethom”.*

Illi dwar l-**artikolu 19 (1) (g) jinghad** skond ***J. Edward Hudson*** *“a condition could either be suspensive or resolutive. It is suspensive if it delays the entry in effect of the obligation of an act until the condition itself is fulfilled. It is resolutive if it dissolves the obligation only if it verifies itself and therefore renders it null. e.g. “I will live in marriage with you until I find someone who is more wealthy than you”* (**“Handbook II for Marriage Nullity Cases”** pg. 107).

## (C) APPREZZAMENT TAL-PROVI

Illi stabbiliti dawn l-aspetti legali tal-kuncett ta’ diskrezzjoni tal-gudizzju fuq il-hajja mizzewwga u d-dmirijiet essenzjai taghha, il-Qorti ser tghaddi biex taghmel is-segwenti konsiderazzjonijiet fid-dawl tal-provi migbura:

Illi ghalkemm l-gherusija tal-kontendenti damet xi erba` snin, iz-zwieg taghhom dam biss seba’ xhur u nofs. Huwa car illi ir-relazzjoni tal-kontendenti ma kelliex sisien tajba u kienet tezisti aktar minhabba li l-attrici kienet tithassar lill-konvenut milli fuq bazi ta’ mhabba. L-attrici tixhed illi *“bejni u bejn il-konvenut ma kienx hemm xi mhabba partikolari.”* Ghalkemm l-attrici ma kenitx kuntenta u kemm-il darba riedet tittermina r-relazzjoni, dejjem kienet tkompli minhabba li l-konvenut kien igibilha hniena minnu. Kien ighidilha li hu bniedem sfortunat, u li jekk titilqu ma kienx jaf x’ser jaqbad jaghmel. Kien jghidilha li jekk titilqu ma kienx ser ihares lejn tfajla ohra u li kien ser jibqa wahdu. Kien ighidilha li hu dejjem tellief. Dawn il-kliem kienu jaffettwaw lill-attrici specjalment tenut kont il-karattru taghha, li fi kliem missierha jiddiskriviha bhala ‘sensittiva’.

Illi l-genituri tal-attrici kemm il-darba fethulha ghajnejna meta kienu jaraw dawn it-*titubanzi* taghha, izda hi qatt ma kellha l-kuragg tittermina r-relazzjoni minhabba li kienet thenn ghall-konvenut. L-attrici xehdet illi *“jien kont nithassru liema haga ma tfissirx bl-ebda mod imhabba.”*

Illi omm l-attrici tghid illi t-tifla taghha kienet dejjem *“inkwetata hafna u ma tantx kont nosserva li kienet*

*kuntenta hafna mar-relazzjoni li kellha ma' Jesmond."* u tghid illi l-attrici kienet *'fi stat ta' ansjeta".* Anki missier l-attrici jghid illi *"it-tifla kienet tigi d-dar b'certa ansjeta u mhux kuntenta…"*

Illi jidher illi l-problema principali kienet in-nuqqas ta' responsabbilita tal-konvenut, specjalment fir-rigward tax-xoghol. Hareg car, mix-xhieda moghtija, illi l-konvenut ma kienx isaddad fl-impjieg u hekk kif isib xoghol u jibda` jahdem jerga jsib ruhu bla xoghol ghal xi raguni jew ohra. Ezatt qabel it-tieg rega` spicca bla xoghol u lill-attrici din kienet affettwata hazin hafna. L-attrici tghid illi l-konvenut ma kellux "*'commitment' u din is-sitwazzjoni inhasset hafna meta xtrajna l-post fil-bidu."*

Illi minn naha taghha, l-attrici kienet tahdem hafna, anki bix-*shifts* u bl-*overtime*. Filwaqt li l-attrici, kemm waqt l-gherusija u anki waqt iz-zwieg refghet hafna mill-piz ghar-rigward tal-ispejjes tad-dar, l-konvenut ma kellux dan l-impenn. Anzi, l-attrici, apparti li terfa l-ispejjes tad-dar, kienet ukoll tghajjex lill-konvenut fis-sens illi kienet tixtrilu l-hwejjeg u l-petrol. Fil-fatt omm l-attrici tiddeskrivi iz-zwieg bhala wiehed ta' konvenjenza' fis-sens li l-konvenut kien komdu hafna.

Illi waqt iz-zwieg l-attrici kienet tkun hafna xoghol, anke ta' bil-lejl, mentri l-konvenut kien ikun hafna id-dar. *Nonstante* dan, meta kien jipprepara xi haga x'jiekol kien jaghmel ghalih u mhux ghall-attrici. Meta l-attrici kienet tghidlu jaghmel xi haga fid-dar, bhal johrog il-hwejjeg mill-washing machine ghax hi kienet xoghol, kien jinjoraha u l-attrici kienet issib l-affarijiet kif halliethom.

Illi missier l-attrici xehed illi darba fost l-ohrajn kien staqsa lill-konvenut l-ghaliex ihalli lill-martu tahdem anke bil-lejl u l-konvenut wiegeb *"ghax hemm taqla` flus tajba".* Fl-opinjoni tal-Qorti tali kumment kien ikun gustifikat kieku l-konvenut kien qieghed jerfa sehmu mill-piz finanzjarju.

Illi minhabba din is-sitwazzjoni, kif iddiskreviet omm l-attrici, *"Caroline kwazi daghbet".*

Illi l-attrici issemmi ukoll problema ohra li kienet iddejjaqha, izda din, fl-opinjoni tal-Qorti kienet problema sekondarja. Il-problema kienet illi l-konvenut kien jinsa hafna. Semmiet okkazjoni fejn anki nesa li kellu jehodha *interview* ghal xoghol. Jidher illi anki waqt l-gherusija kien jinsa li ghandu jiltaqa` mal-attrici u kemm il-darba halliha tistenna. Hareg car illi kienu jargumentaw hafna fuq il-fatt illi l-konvenut kien jinsa hafna.

Illi l-attrici issemmi ukoll illi waqt iz-zwieg kien hemm indhil minn omm l-konvenut u li l-konvneut ma kienx matur bizzejjed biex jiqfilha u jghidilha ma tindahalx.

Illi r-relazzjoni sesswali kienet naqset hafna waqt iz-zwieg u fi kliem l-attrici *“morna mill-hazin ghall-aghar”.* Wara iz-zwieg l-konvenut kien intelaq hafna l-attrici anki bdiet torqod fis-salott *“peress illi ma flahtx ghall-hmieg tieghu.”*

Illi minhabba dawn il-problemi kolha, l-attrici kienet qeghda tiehu l-prekawzjonijiet sabiex ma jkollhomx tfal mentri l-konvenut kien minghalih li qeghdin jippruvaw ghat-tfal. Il-konvenut sar jaf b’dan il-fatt fis-seduta stess meta kienet qeghda tixhed l-attrici.

Illi, in vista tax-xhieda kollha migbura, il-Qorti taqbel mal-konkluzjoni tal-Perit Legali fis-sens li gie ppruvat illi l-kunsens tal-konvenut (u mhux tal-attrici) kien vizjat b’difett serju ta’ diskrezzjoni ta’ gudizzju fuq il-hajja mizzewwga u fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghha, u z-zwieg bejn il-kontendenti ghandu jigi dikjarat null a bazi tal-**artikolu 19(1)(d) tal-Kap.255 tal-Ligijiet ta’ Malta**.

Illi l-Qorti hi tal-fehma illi dan iz-zwieg huwa null a bazi tal-**artikolu 19(1)(d) tal-Kap 255**, m’hijiex ser tezamina n-nullita *o meno* a bazi tal-**artikoli 19(1)(f) u 19(1)(g).**

## <u>III. KONKLUZJONI.</u>

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta’ u tiddeciedi,** billi filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenut  in kwantu l-istess huma nkompatibbli ma’ dak hawn deciz, **tilqa’ t-talba attrici** b’dan illi:

1. Tiddikjara u tiddeciedi illi z-zwieg ikkuntrattat bejn l-attrici u l-konvenut tat-30 ta' Mejju 1997 huwa null u bla effett *ai termini* tal-**artikolu 19 (1) (d) tal-Kap 255**;

Bl-ispejjez kontra l-konvenut.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------